# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn 29 ta' Marzu, 2021**

**Rikors Numru 221/21 TA**

**Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat bin-numru 789/2020TA**

**Elmladai Ali Yousef Elbashir**
**(K.I. nru 151184A)**

**vs**

**Cuschieri Brothers Aluminium Ltd**
**(C23966)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' Cuschieri Brothers Aluminium Ltd (is-Soċjeta' rikorrenti) tal-11 ta' Marzu 2021;

Rat in-nota ta' Elmladai Ali Yousef Elbashir (l-intimat);

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2021;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Dak li qed titlob is-Soċjeta' rikorrenti hu, li din il-Qorti twarrab l-effetti tal-mandat ta' sekwestru numru 341/2021 u dan abbażi tas-subinċiżi (1)(d) u/jew(f) tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn jiddisponu hekk:

"*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv*

u

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli*."

Għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt, kif ingħad bosta drabi, fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima fa*cie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat.

Di piu' l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att

innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. (**Qorti Sentenza tal-Kummerċ tat-23 ta' Ġunju 1994 fil-kawża fl-ismijiet Paul Hili et Dr. Joselle Farrugia noe et**).

Huwa minnu ukoll li dawn il-Qrati dejjem insistew li l-mandati Kawtelatorji ma għandhomx jintużaw bħala mezz ta' estorzjoni jew *"arm's twisting"* biex dak li jkun jieħu dak li jrid u li mhux bil-fors ikun intitolat għalih, mingħand il-kreditur tiegħu. Pero' minn naħa l-oħra l-anqas wieħed irid jinsa li l-Qorti trid tkun ukoll gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m`għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b`leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. (ara **digriet PA/JRM) fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005**).

Qabel xejn il-Qorti tibda biex tinnota li għalkemm il-kawża ġiet intavolata fit-2 ta' Settembru 2020, il-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri ġie presentat fl-4 ta' Marzu 2021. Tassew li tħallew sitt xhur biex ġie presentat, imma dan fih nnifsu ma għandux jirrifletti fuq il-mertu tal-proċeduri li qed ikunu trattati. Il-liġi timponi f'kemm żmien għandha tkun presentata kawża minn meta joħroġ mandat, iżda mhux vice-versa. L-importanti li tkun ġiet dedotta l-pretensjoni kif trid il-liġi.

Di piu' il-Qorti tosserva li mir-risposta tas-Soċjeta' Mapfre' Middlesea Plc, kjamata fil-kawża, fit-tieni eċċezzjoni tagħha, din is-Soċjeta' Assiguratriċi qed tirripudiha kull reponsabbilta' taħt il-polza ta' assikurazzjoni għar-

raġunijiet attribwiti lis-Soċjeta’ attriċi f’dik il-kawża. Din il-polza ġiet esebita mis-Soċjeta’ rikorrenti fil-kawża bħala Dok A (a’ fol 20 tal-Kawża). Fid-dawl ta’ din ir-risposta fil-kawża, dan il-fattur ma jserraħx ras il-Qorti li din il-polza tista’ sservi ta’ garanzija għall-iskop ta’ dawn il-proċeduri. Għalhekk, ai fini ta’ dawn il-proċeduri din il-polza ftit għandha relevanza u tifhem għalhekk, għalfejn ma saret ebda referenza għaliha fir-rikors odjern.

Il-Qorti jirrisultalha li l-intimat għandu prima facie pretensjoni u li din jistħoqqilha li tkun imħarsa. Kull min għandu prima facie każ, għandu għalhekk prima facie dritt li jikkawtela dik il-pretensjoni. F’sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn dak li jkun qiegħed ifittex għal danni akwiljani, il-proċedura kawtelatorja għandha importanza partikulari għaliex il-kisba ta’ dritt bis-saħħa ta’ Sentenza, ma tkun tiswa xejn jekk din ma tkunx rejalizzabbli konkretament. Ir-rejalizazzjoni f’kawżi ta’ dawn ix-xorta huwa l-ħlas, li jrid isir mid-debitur li jkollu kreditu kkanonizzat kontra tiegħu.

Il-Qorti ħadet kont tad-dokumenti kollha. Qieset l-eta’ li għandu l-intimat u s-salarju li kien qed jirċievi. Ħadet ukoll kont tal-perċentwal ta’ diżabilita’ permanenti fir-rapport taż-żewġ esperti ex-parti u cioe’ dak neuropsikoloġiku li huwa ta’ 60% u dak neurologu ta’ bejn 40-50% (a’ fol 97 u 109). Huwa minnu li sal-lum għad ma hemmx rapporti ta’ esperti maħtura minn din il-Qorti, iżda ai fini ta’ din il-proċedura kull ma jrid ikun stabbilit hu, jekk l-ammmont li qed ikun kawtelat hux *prima facie* raġjonevoli. Kif ġie ukoll sottomess waqt it-trattazzjoni ta’ din il-proċedura,

id-dannu subit mill-intimat huwa wieħed evidenti u *icto oculi* u liema dannu jinsab f'parti sensittiva tar-ras (ara ritratti fil-Kawża).

Fid-dawl ta' dan u wara li din il-Qorti għamlet eżami tal-fatturi kollha li jiċċirkondaw dan il-każ, tħoss li s-Soċjeta' rikorrenti għandha raġun biss, inkwantu l-ammont li qed ikun ikkawtelat, tal-inqas fl-istadju tal-proċeduri sal-lum, huwa xi ftit eċċessiv. Il-Qorti tħoss li għandha tirriduċi l-ammont ikkawtelat għal €330,000.

Sa fejn jirrigwarda t-talbiet bażati fuq artikolu 836(1)(f), dawn ser jiġu miċħuda, ġaladarba l-Qorti sabet, li skont dak li ingħad aktar 'l fuq, li l-mandat huwa *prima facie* ġustifikat għalkemm mhux fit-totalita' tiegħu. Dan qed jingħad ukoll, wara li din il-Qorti eżaminat id-dokumenti eżebiti mis-Soċjeta' rikorrenti dwar l-istat finanzjarju u ekonomiku tagħha. Il-Qorti ma hiex tal-konvinċiment li dan iserrħilha rasha, li jesistu ċirkostanzi li jwassluha biex tifhem li ma hux ġustifikabbli li l-mandat jinżamm fis-seħħ.

L-anqas ma din il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandha timponi xi garanzija lill-intimat abbażi tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Iċ-ċirkostanzi tal-każ ma jesiġux din il-garanzija. Il-Qorti trid tieħu ħsieb li l-imposizzjoni ta' din il-garanzija ma twassalx għaċ-ċaħda tal-mandat bil-pulit, f'ċirkostanzi fejn it-tneħħija tal-mandat jista' jkun ta' ħafna aktar detriment lil min ikun talbu, milli ta' min ikun qed jitlob li jitneħħa. Fil-fattispecie tal-każ odjern ma hemmx kawża ġusta skont il-liġi sabiex tintalab il-garanzija ndikata fl-istess artikolu 838 A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta'

Malta, u dan għaliex jidher ċar li l-intimat aġixxa biss f'dan l-istadju sabiex jipproteġi d-drittijiet tiegħu. Din il-Qorti tħoss li l-eżerċizzju ta' tali dritt huwa mexa prima facie skont il-liġi, u għalhekk ma tħossx li dan huwa każ fejn għandha tilqa' t-talba tas-Soċjeta' rikorrenti f'dan ir-rigward (Ara **digriet tad-29 ta' Mejju, 2007 Rikors Numru. 1249/2007 fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1751/06 fl-ismijiet: Nazzareno sive Leonard u Margaret konjugi Caruana -vs- Jasper Developments Limited**).

Għaldaqstant, il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qed tilqa' t-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti abbażi tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, fis-sens, li qed tirriduċi l-ammont ikkawtelat bis-sekwestru 341/2021 fl-ismijiet premessi, għal tlett mija u tletin elf euro (€ 330,000) u tiċħdu inkwantu t-talbiet qed jintalbu abbażi tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Konsegwentement qegħdha tiċħad il-bqija tat-talbiet.

Spejjes ta' din il-proċedura a' karigu tas-Soċjeta' rikorrenti.

**Mogħti kameralment illum 29 ta' Marzu, 2021**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**